MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2007

Numru 3/2005

**Att ta' akkuża numru 3/2005**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***versus***

**Dr Patrick Vella LL.D., iben Saviour u Gemma *née* Cauchi, imwieled is-Siġġiewi nhar is-6 t'April 1944 u residenti f'*Il-Gallarija*, Triq Bradford, San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar, detentur ta' karta ta' identità bin-numru 375844(M)**

Il-qorti rat l-Att ta' l-Akkuża numru 3 ta' l-2005 li bih l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, wara li qal illi:

*L-EWWEL KAP*

F'xi żmien qabel il-5 ta' Lulju 2002, Mario Camilleri kien ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta

dawn l-akkużi u, fil-11 ta’ Ġunju 2001, ġie ikkundannat mill-Qorti Kriminali għall-piena ta’ sittax-il sena priġunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza u, fir-rikors ta’ l-appell tiegħu, talab lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali sabiex tirriduċi l-piena imposta mill-Qorti Kriminali.
Xi żmien wara, it-tifel ta’ Mario Camilleri, Pierre Camilleri, avviċina lil ċertu Joseph Zammit, magħruf bħala *is-sei*, u staqsieh x’seta’ jagħmel biex dan igħin lil missieru li kien wasal għas-sentenza quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Din il-Qorti kienet kolleġġjalment komposta mill-akkużat l-Imħallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim Imħallef Noel Arrigo u mill-Imħallef Joseph Filletti.
Ftit jiem wara li ġie avviċinat minn Pierre Camilleri, Joseph Zammit avviċina lill-Imħallef Patrick Vella u staqsieh jekk setax igħin lil Mario Camilleri u, għall-ewwel, l-Imħallef ma deherx li kien ser jaċċetta. Xi jiem qabel is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali Joseph Zammit reġa’ avviċina lill-akkużat Patrick Vella u qallu li dan Mario Camilleri kien lest iħallsu kumpens ta’ għaxart elef lira sabiex igħinu fis-sentenza li jagħtih u b’hekk ma jiddeċidix l-istess sentenza skond il-liġi u skond il-kuxjenza kif kien fid-dmir li jagħmel. L-Imħallef Patrick Vella mill-ewwel aċċetta din l-offerta u qallu li kien ser inaqqaslu tlieta jew erba’ snin priġunerija.
Il-Prim’Imħallef Noel Arrigo kien ġie wkoll avviċinat mill-imsemmi Joseph Zammit u l-istess Prim’Imħallef aċċetta l-offerta u, ta’ dan l-għemil, ġie wkoll sussegwentement akkużat. L-Imħallef Joseph Filletti qatt ma ġie avviċinat.
Fil-5 ta’ Lulju 2002 il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, komposta mill-akkużat l-Imħallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim’Imħallef Noel Arrigo u mill-Imħallef Joseph Filletti taw is-sentenza fil-konfront ta’ Mario Camilleri u ssostitwew il-piena ta’ sittax-il sena priġunerija b’waħda ta’ tnax-il sena priġunerija u dan l-akkużat għamlu in eżekuzzjoni ta’ l-aċċettazzjoni da parti tiegħu ta’ l-offerta li kienet saritlu kif fuq deskritt sabiex igħin lill-imsemmi Mario Camilleri fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.
Dakinhar stess tas-sentenza l-Imħallef Patrick Vella ċempel lil Joseph Zammit u staqsih x’ħin seta’ jgħaddi għall-flus. Joseph Zammit infurmah illi f’dak l-istadju kien ser itih biss is-somma ta’ ħamest elef lira u l-Imħallef irrabja ħafna. Xi sagħtejn wara din it-telefonata l-Imħallef Vella għadda għall-flus viċin ir-residenza ta’ Zammit fil-

Belt Valletta biex jiġi kompensat talli fil-fatt għen lil Camilleri kif kien wiegħed li jagħmel. Joseph Zammit għaddielu *envelope* li kien jikkontjeni s-somma ta' ħamest elef lira.

B'għemilu l-imsemmi Dr Patrick Vella sar ħati talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċeva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel u b'dan ukoll illi barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta fil-fatt naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel.

akkuża lil Patrick Vella:

talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċeva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel, u b'dan ukoll illi barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel;

u talab:

illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin skond dak li hemm u jintqal fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*) ta' l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fl-istess Att ta' l-Akkuża l-Avukat Ġenerali kompla jgħid illi

## ***IT-TIENI KAP***

F'xi żmien qabel il-5 ta' Lulju 2002, Mario Camilleri kien ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkużi u, fil-11 ta' Ġunju 2001, ġie kkundannat mill-Qorti Kriminali għall-piena ta' sittax-il sena priġunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza u, fir-rikors ta' l-appell tiegħu, talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex tirriduċi l-piena mposta mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet kolleġġjalment komposta mill-

akkużat l-Imħallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim'Imħallef Noel Arrigo u mill-Imħallef Joseph Filletti.

Id-deċiżjoni finali tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kolleġġjalment komposta, kif kienet il-Qorti li ddeċidiet l-appell ta' Mario Camilleri, kellha tkun skond il-fehma tal-maġġoranza tal-membri tagħha biex b'hekk deċiżjoni ta' kull wieħed mill-Imħallfin waħdu ma setgħetx tkun suffiċjenti mingħajr il-kunsens ta' almenu wieħed mill-Imħallfin l-oħra. Fil-fatt il-Prim'Imħallef Noel Arrigo kien ġie wkoll avviċinat mill-imsemmi Joseph Zammit u l-istess Prim'Imħallef aċċetta l-offerta u ta' dan l-għemil ġie wkoll sussegwentement akkużat. L-Imħallef Joseph Filletti qatt ma ġie avviċinat.

Ftit ġimgħat wara li ġie avviċinat minn Pierre Camilleri, Joseph Zammit avviċina lill-akkużat Patrick Vella u qallu li Mario Camilleri kien lest iħallsu s-somma ta' għaxart elef lira jekk huwa jgħinu fis-sentenza tiegħu. L-Imħallef Patrick Vella aċċetta din l-offerta u l-wegħda ta' vantaġġ mhux xieraq bil-għan li jeżerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi ta' l-inqas wieħed mill-Imħallfin l-oħra li miegħu kienu jikkomponu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ ta' Mario Camilleri. Dan għaliex, kif ingħad iżjed 'il fuq, id-deċiżjoni tiegħu waħdu kellha neċessarjament tiġi supplementata bid-deċiżjoni ta' almenu wieħed mill-Imħallfin l-oħra, kif fil-fatt ġara. Dak il-ħin l-akkużat qal lil Joseph Zammit li kien ser inaqqas tlieta jew erba' snin priġunerija mis-sentenza ta' Mario Camilleri.

B'għemilu, l-imsemmi Dr Patrick Vella sar ħati talli rċeva u aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi xi uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar ħati ta' reat li hu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għalhekk akkuża lil Patrick Vella:

talli rċieva u aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi xi uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar ħati ta' reat li hu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku,

kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.
u talab:
illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tmintax-il xahar skond dak li hemm u jintqal fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 121A u 141 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
Fl-aħħarnett l-Avukat Ġenerali kompla jgħid illi:

***IT-TIELET KAP***

Ftit snin qabel il-5 ta' Lulju, 2002, Mario Camilleri kien ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkużi u, fil-11 ta' Ġunju, 2001, ġie kkundannat mill-Qorti Kriminali għall-piena ta' sittax-il sena priġunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza u, fir-rikors ta' l-appell tiegħu, talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex tirriduċi l-piena imposta mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet kolleġġjalment komposta mill-akkużat l-Imħallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim'Imħallef Noel Arrigo u mill-Imħallef Joseph Filletti.
Ftit jiem qabel is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Joseph Zammit avviċina lill-akkużat Patrick Vella u qallu li Mario Camilleri kien lest iħallsu s-somma ta' għaxart elef lira jekk huwa jgħinu fis-sentenza tiegħu. L-Imħallef Patrick Vella aċċetta din l-offerta u qallu li kien ser inaqqaslu tlieta jew erba' snin priġunerija.
L-akkużat Dr Patrick Vella, bħala Imħallef, kellu dover skond il-Kostituzzjoni ta' Malta li ma jikkomunikax, direttament jew indirettament, ma' ħadd dwar kawża li kienet għadha ma nqatgħatx, barra minn fil-Qorti bil-miftuħ.
B'għemilu, l-imsemmi Dr Patrick Vella sar ħati talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li ġie fdat lilu jew li kien ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod għen biex jiġi magħruf.
Għalhekk kompla akkuża lil Patrick Vella:
talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li ġie fdat lilu jew li kien ġie

magħruf minnu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, u illi kellu jibqa’ sigriet, jew b’xi mod għen biex jiġi magħruf.
u talab:
illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn sena jew il-multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 133 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kul piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.
Ippreżenta wkoll nota b’lista ta’ xħieda u ta’ dokumenti.
L-akkużat ressaq dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, li qegħdin jinġiebu ħawn *verbatim*:
1. Illi fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Prim’Ministru fil-5 ta’ Lulju 2002 li permezz ta’ deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta’ Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Dr Noel Arrigo LL.D. u Dr Patrick Vella LL.D. [Rikors Numru 22/02], ġie ddikjarat li minħabba l-istess dikjarazzjoni ġie leż id-dritt fundamentali ta’ l-eċċipjent għal smigħ xieraq hekk kif sanċit mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll ġie leż id-dritt fundamentali ta’ l-eċċipjent kif sanċit mill-artikolu 39(5) ta’ l-istess Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(2) ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropeja u/jew kif ukoll sa fejn jirrigwarda r-rimedju effettiv li fid-deċiżjoni surriferita, dina l-onorabbli Qorti li eventwalment ġiet imsejħa sabiex tiddetermina l-proċeduri kriminali inizjati kontra l-eċċipjent hawn akkużat, din il-kawża m’għandhiex titmexxa la issa u f’ebda żmien ieħor.
2. Illi subordinament mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, *dato ma non concesso* li l-ewwel eċċezzjoni m’għandhiex tiġi akkolta, *in vista* li għad hemm pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Ċivili l-applikazzjoni intavolata mill-istess eċċipjent, f’każ li l-ġuri fl-ismijiet hawn fuq premessi jiġi appuntat għas-smiegħ qabel ma tkun ingħatat deċiżjoni mill-Qorti Ewropeja dwar ir-rimedju effettiv, din l-Onorabbli Qorti għandha, anki bħala omaġġ lejn dik il-Qorti kif ukoll lejn l-osservazzjonijiet magħmula fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali indikata fl-ewwel eċċezzjoni, għall-mument ma tmexxix il-kawża odjerna

sakemm ikun hemm deċiżjoni finali mill-imsemmija Qorti Ewropeja fuq l-applikazzjoni ta' l-eċċipjent.

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-lista tax-xhieda ippreżentata ma' l-Att ta' Akkuża hija irrita u għandha tiġi sfilzata u konsegwenzjalment ix-xhieda, id-dokumenti u l-oġġetti kollha hemm elenkati għandhom jiġu iddikjarati inammissibli f'dan il-proċess u mhux produċibbli mill-prosekuzzjoni peress illi jirriżulta b'mod ċar illi din il-lista ma tappartjenix għall-atti tal-kawża odjerna u ġiet ippreżentata irritwalment.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u senjatament għall-ġeneralità tat-tielet eċċezzjoni hawn fuq sollevata, l-inammissibltà tad-dokument JR2 *essendo* illi l-awtur tiegħu huwa injot u per tant tali dokument huwa prova li fuqha d-difiża ma għandha ebda forma [ta'] kontroll, kif ukoll għaliex l-istess dokument jikkostitwixxi *documentary hearsay.*

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u senjatament għall-ġeneralità tat-tielet eċċezzjoni hawn fuq sollevata, l-inammisibbiltà tad-dokumenti HA u HA1 [*CDs* u t-traskrizzjonijiet relattivi] ippreżentati minn Herbert Agius, peress illi dawn il-provi ġew meħuda kontra d-diposizzjonjiet tal-Att XVII tal-1996. Għar-rigward ta' dan l-aggravju l-eċċipjent qiegħed presenzjalment jirriserva li jqanqal ulterjorment kwistjoni fit-termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress illi l-fatt li interferenzi f'kommunikazzjonjiet privati li jkunu ġew meħuda in assenza ta' awtorizzajoni legali jew mhux in aderenza mal-Liġi jaf jagħti lok għal leżjoni tad-Drittijiet Fundamentali kif sanċiti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u senjatament għall-ġeneralita tat-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet hawn fuq sollevati, l-inammisibbiltà tad-dokument HA u HA1 [*CDs* u t-traskrizzjonijiet relattivi] ippreżentati minn Herbert Agius peress illi dawn m'humiex prova valida skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 598 u 599 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-qorti rat ukoll il-lista ta' xhieda ippreżentata mill-akkużat. B'nota tat-3 ta' Novembru 2005 l-akkużat irtira t-tieni eċċezzjoni, u b'nota oħra tat-3 t'April 2006 irtira wkoll il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet b'dan illi irriżerva li jressaq l-

istess eċċezzjonijiet waqt is-smigħ tal-kawża, jekk ikun il-każ, u b'dan ukoll illi jirriżerva illi jqajjem "ulterjorment il-kwistjoni fit-terminu ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jekk ikun il-każ".

L-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet kienu miċħuda b'sentenza ta' din il-qorti tat-3 t'April 2006, imwettqa b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-23 ta' Novembru 2006, u r-raba' eċċezzjoni wkoll kienet miċħuda, b'dan illi "jekk il-partijiet 'il quddiem jindikawlha [lill-qorti] bi preċiżjoni xi ineżattezzi jew żbalji [fit-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni elettro-manjetika], tordna l-isfilz tagħha u tordna li ssir traskrizzjoni oħra fidila u korretta mid-deputat reġistratur ta' din il-qorti".

B'nota ta' l-4 ta' Marzu 2005 l-Avukat Ġenerali ta avviż ta' eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tax-xhieda murija fil-lista ta' xhieda ta' l-akkużat, iżda, wara li l-akkużat b'nota ta' l-24 t'April 2006 fisser għal ried iressaq lix-xhieda, l-Avukat Ġenerali b'nota tat-2 ta' Mejju 2006 irtira l-eċċezzjoni.

B'rikors ta' l-4 ta' Marzu 2005 l-Avukat Ġenerali talab korrezzjoni ta' l-*occhio* li jidher fil-lista tax-xhieda tiegħu, billi bi żball kien tniżżel l-isem ta' ħaddieħor flok l-akkużat, u, għalkemm l-akkużat oppona għat-talba fit-tweġiba tiegħu għar-rikors, li saret fl-10 ta' Marzu 2005, il-qorti laqgħet it-talba u ordnat il-korrezzjoni bis-sentenza tat-3 t'April 2006; il-korrezzjoni saret u saret ukoll notifika mill-ġdid lill-akkużat.

Il-qorti rat ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tad-29 t'Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Dr Noel Arrigo LL.D. u Dr Patrick Vella LL.D., partikolarment fejn f'dik is-sentenza jingħad hekk:

… … … tiddikjara illi ġie leż id-dritt fundamentali ta' l-appellanti għal smigħ xieraq garantit mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u illi ġie leż id-dritt fundamentali ta' l-appellanti garantit mill-artikolu 39(5) ta' l-istess Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(2) ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea;

Tordna illi a kura tar-Reġistratur titqiegħed kopja ta' dan il-ġudikat fl-atti tal-process kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo LL.D. et* illi fih saret ir-referenza kostituzzjonali odjerna;

Din l-ordni – biex kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali titqiegħed fl-atti ta' dan il-proċess – ingħatat għar-raġuni illi l-Qorti Kostituzzjonali fissret hekk: Fil-fehma ta' dina l-qorti, dak illi, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, għandu jsir sabiex jiġi provvdut rimedju għall-leżjoni hawn fuq imsemmija tad-drittijiet fundamentali ta' l-appellanti, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodiċi Kriminali jiġu skrupolożament osservati u applikati, huwa illi dan il-ġudikat jinġieb a konjizzjoni ta' dik il-qorti illi eventwalment tiġi msejħa sabiex tiddetermina l-proċeduri kriminali inizjati kontra l-istess appellanti.

B'nota tal-11 ta' Frar 2005 l-akkużat għażel, għal dak li jgid u jrid l-art. 436(6) u (9) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-każ tiegħu jinstema' bla ma jiġi magħżul ġuri.

Wara dan l-*iter* proċedurali l-kawża bdiet tinstema' fit-13 ta' Marzu 2007.

Wara li saritlu l-mistoqsija, kif irid l-art. 450 tal-Kodiċi Kriminali, jekk hux ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu fl-att ta' l-akkuża, l-akkużat wieġeb li hu ħati. Il-qorti, biex tħares dak li jrid l-art. 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, wissietu fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jarġa' lura minnha. L-akkużat iżda tenna t-tweġiba li għalhekk ġiet irreġistrata.

Il-qorti għalhekk tiddikjara lill-akkużat Dottor Patrick Vella ħati fuq ammissjoni:

1. taħt l-art. 115(*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċeva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel, u b'dan ukoll illi barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel;
2. taħt l-artt. 121A u 141 tal-Kodiċi Kriminali talli rċieva u aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi xi uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar ħati ta' reat li hu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja

biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; u

3. taħt l-art. 133 tal-Kodiċi Kriminali talli, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li ġie fdat lilu jew li kien ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod għen biex jiġi magħruf.

Minnufih wara li ġiet irreġistrata t-tweġiba tiegħu, l-akkużat għamel din l-istqarrija:

L-akkużat Dr Patrick Vella qiegħed jiskuża ruħu mingħajr ebda kondizzjoni mas-soċjetà Maltija kollha in ġenerali għall-għemil tiegħu u jiddikjara li jisgħob bih għall-ħsara li seta' ikkawża lill-istess soċjetà.

Id-difiża mbagħad talbet li tressaq xhieda għall-għanijiet tas-sottomisjonijiet li kienet sejra tagħmel dwar il-piena.

Xehdet it-Tabiba Elsa Vassallo, oħt il-ħati. Qalet illi, kemm ilu li sar il-każ, resqet eqreb lejn ħuha u taf illi għex il-proċess kollu minn meta nqala' l-każ sallum bħala esperjenza iebsa ħafna għax ħass illi kien iġġudikat u issentenzjat mis-soċjetà mill-ewwel, bla possibbiltà li jiddefendi ruħu. Ikkrolla għax ra s-sentenza taqa' mhux biss fuqu iżda wkoll fuq il-familja tiegħu, u ħass umiljazzjoni kbira bis-sejħa pubblika għall-kastig tiegħu. Mill-pożizzjoni għolja fejn kien waqa' fejn issa ma jistax juri wiċċu fil-pubbliku. Ħbiebu idawrulu wiċċhom u jagħtuh daharhom. Għandu ferita miftuħa li sejjer jibqa' jbati minnha għal għomru kollu. Ta' dak li għamel ħallas u jibqa' jħallas għalkemm iżomm kollox mistur f'qalbu.

Xehed it-Tabib Psikjatra David Cassar, wara li kien meħlus mir-rabta tas-sigriet professjonali. Qal illi lil Dottor Vella ilu jafu professjonalment erba' snin, meta kien jikkonsultah wara li ħareġ il-każ. Sabu jbati minn ansjetà u depressjoni u għal dan tah kura. Rah jiżel fiżikament u psikoloġikament, u rah ibati minn biża' kbir li jista' jintbagħat il-ħabs fejn hemm nies li kien ikkundannahom hu stess. Fil-fehma tat-tabib psikjatra l-istat tal-ħati huwa medikament preokkupanti, u dan kollu huwa relatat mal-każ.

Xehed ukoll Patri Ugolino Scerri. Patri Ugolino jmexxi *prayer group* ta' rġiel, u xehed illi Dottor Vella beda jattendi għal dawn il-laqgħat ta' talb minn xi tliet snin 'l hawn. Ix-xhud sar jafu sew: huwa impressjonat b'kemm

Dottor Vella jħossu umiljat b'dak li għamel u jħossu anqas minn ħaddieħor. Ix-xhud fittex li jgħinu billi jsiblu xogħol, iżda ma sablux; is-soċjetà warrbitu. B'dan kollu li għadda minnu Dottor Vella bata ħafna u ħallas sew għall-iżball tiegħu. Iżda x-xhud iħoss illi xorta għadu jista' jagħti frott, u għalhekk għamel appell appassjonat għall-maħfra.
Il-qorti semgħet ukoll it-trattazzjoni ta' l-avukati. Id-difiża talbet illi l-ħati jingħata sentenza sospiża taħt l-art. 28A tal-Kodiċi Kriminali u talbet ukoll illi, sabiex tagħti piena xierqa, il-qorti tqis dawn il-punti, fost oħrajn

- id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 t'Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *vs* Dr Noel Arrigo LL.D. u Dr Patrick Vella LL.D.</u>, imsemmija fuq, li sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tal-ħati;
- il-fatt illi Dottor Vella wera ko-operazzjoni kemm fl-investigazzjoni u kemm fil-proċess ġudizzjarju, u kif ukoll fil-proċeduri għat-tneħħija tiegħu minn imħallef, tant illi irriżenja minn dik il-ħatra mingħajr ma kellhom jittieħdu proċeduri fil-Parlament;
- il-fatt illi kien hemm ammissjoni bikrija f'dawn il-proċeduri;
- il-fatt illi għandu fedina penali nadifa għalkollox;
- l-età tiegħu, li llum għandu tlieta u sittin (63) sena;
- il-perikolu li jgħaddi minnu jekk jintbagħat il-ħabs, fejn hemm priġunieri li ngħataw il-piena ta' priġunerija minnu stess; f'dan il-kuntest id-difiża għamlet referenza għad-dikriet tal-Qorti tal-Maġistrati ta' l-4 t'Awissu 2002, fejn dik il-qorti, meta tat il-ħelsien mill-arrest, qalet illi dak il-ħelsien f'dak l-istadju ngħata "wkoll biex tkun żgurata l-inkolumità fiżika" tal-persuna;
- il-fatt illi ġà ngħata piena bl-umiljazzjoni soċjali li għadda minnha;
- il-fatt illi l-każ, hekk kif sar magħruf, ingħata pubbliċità negattiva qawwija fil-gazzetti;
- il-fatt illi għandu jitħares il-prinċipju ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, fis-sens illi, waqt illi l-ħati ma għandu jingħata ebda privileġġ talli darba kien imħallef, fl-istess waqt ma għandux jingħata żvantaġġ minħabba f'hekk, b'mod illi ma għandux jiġi mċaħħad mill-benefiċċju li, fil-każ tiegħu wkoll, il-qorti tqis dawk il-fatturi li għandhom inaqqsu l-piena tiegħu;

- fl-istess kuntest tal-prinċipju ta' ugwaljanza, il-qorti għandha tqis illi Joseph Zammit, li wkoll kellu x'jaqsam mal-każ ta' korruzzjoni, u l-akkużi kollha miġjuba kontrieh kienu jwasslu għal piena ogħla minn dik li tista' tingħata kontra Dottor Vella, fis-sentenza tas-7 t'April 2006 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fl-ismijiet Il-Pulizija *versus* Mario Camilleri *et*, ingħata l-benefiċċju ta' l-art. 21 tal-Kodiċi Kriminali u piena ta' sentejn priġunerija; għalhekk fil-każ tallum il-piena għandha tkun iżgħar;
- il-fatt illi għadda ħafna żmien kemm dam il-proċess sakemm ingħatat is-sentenza llum;
- il-fatt illi il-piena li sejra tingħata llum sejra tkun it-tielet kastig li jkun għadda minnu l-ħati: l-ewwel kastig ingħata mill-awtoritajiet meta sejħu konferenza stampa u kisrulu d-dritt fondamentali għall-preżunzjoni ta' innoċenza u għal smigħ xieraq, u t-tieni wieħed meta għadda minn proċess ta' kundanna soċjali u mill-*media*.

Id-difiża issottomettiet ukoll illi, għall-għanijiet ta' l-art. 22 tal-Kodiċi Kriminali, iż-żmien li l-ħati għamel taħt arrest domiċiljari għandu jitnaqqas minn kull żmien ta' priġunerija li jista' jingħata, skond il-preċedent imwaqqaf fis-sentenza ta' din il-qorti tat-8 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Repubblika ta' Malta *versus* El Gamoudi Nabel Mohamed. Għamlet ukoll talba għall-ħniena u għall-maħfra, u qalet illi l-qorti għandha tara li ma tagħmilx bħal Pilatu u tagħti piena biex tikkuntenta lill-folla flok tagħmel ġustizzja. Dawn is-sottomissjonijiet saru wkoll għall-għanijiet ta' l-art. 449(4) tal-Kodiċi Kriminali dwar "kull punt ta' fatt illi, mingħajr ma jneħħi l-imputabbiltà ta' l-akkużat jew il-kapaċità tiegħu li joqgħod fil-kawża, ikun tali li minħabba fih l-akkużat m'għandux ikun suġġett għal piena".

Saret ukoll referenza għal dottrina u sentenzi ta' qrati barranin, li kopji tagħhom tqiegħdu fil-proċess.

Il-prosekuzzjoni wieġbet illi l-qorti għandha tqis il-gravità td-delitt, li għamel ħsara kbira lis-sistema ġudizzjarju u lill-fiduċja tal-poplu fl-integrità tal-qrati. Id-delitt ta' korruzzjoni, kif jidher mill-piena li l-leġislatur stabilixxa għalih, huwa wieħed gravi, aktar u aktar meta l-ħati huwa uffiċjal pubbliku għoli, bħal ma hu mħallef, u aktar u aktar meta jseħħ fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji dwar traffikar ta' droga. Il-prosekuzzjoni taqbel illi hemm fatturi

li jwasslu għal tnaqqis fil-piena iżda tosserva illi, li ma kienx hemm dawk il-fatturi, oġġettivament il-każ jistħoqqlu l-ogħla piena li tagħti l-liġi.

Wara li qieset l-atti kollha fil-proċess u l-atti tal-kumpilazzjoni, semgħet ix-xhieda u semgħet ukoll lill-avukati, u qieset ukoll it-twissija magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tad-29 t'Ottubru 2003, il-qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet:

Ma jistax ikun hemm dubju illi, kif sewwa qalet il-prosekuzzjoni, dan huwa każ illi, oġġettivament, u bla ma nqisu għalissa fatturi li jistgħu jwasslu għal tnaqqis tal-piena, jistħoqqlu piena li tkun eqreb tal-massimu milli tal-minimu li tagħti l-liġi. Aktar ma jkollu ħatra għolja u ta' responsabbiltà min ikun ħati ta' korruzzjoni, ta' użu indebitu ta' influwenza u ta' kxif ta' sigrieti uffiċjali, aktar serja tkun il-ħsara li ssir u aktar gravi għandhom ikunu l-konsegwenzi għall-ħati.

Fil-każ tallum saret ħsara kbira lis-sistema ġudizzjarju, sistema essenzjali għaż-żamma ta' l-ordni u tal-paċi pubblika għax jagħti garanzija li l-ġustizzja ssir permezz ta' l-istituzzjonijiet imwaqqfa għalhekk u n-nies ma għandhomx għalfejn ifittxuha b'idejhom. Il-fatt illi tista' ssir korruzzjoni ta' mħallef tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma jistax ma jagħtix daqqa goffa lill-fiduċja li huwa essenzjali li l-poplu jkollu f'din l-istituzzjoni.

Ikompli jżid il-gravità l-fatt illi l-korruzzjoni, l-użu indebitu ta' influwenza u l-kxif ta' sigrieti seħħew fil-kuntest ta' proċeduri kriminali dwar traffikar ta' droga. Il-ħati stqarr illi s-sentenza li ngħatat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet oġġettivament ġusta; dan iżda qatt ma nistgħu nkunu nafuh b'serħan il-moħħ, għax qatt ma nistgħu nkunu nafu jekk, imqar inkonxjament, dak li seħħ bidilx is-sentenza, jew jekk din kinitx tkun l-istess mingħajr dak li seħħ.

Tassew illi l-fatt illi l-ħati darba kien imħallef ma għandux iċaħħdu minn dak li jingħata lil kull ċittadin privat meta jikser il-liġi, iżda fl-istima tal-gravità ta' dak li ġara dan il-fattur ma jistax ma jitqiesx.

Dawn il-fatturi jwasslu lill-qorti biex tkun tal-fehma illi, mingħajr il-fatturi l-oħra li sejrin inqisu issa, il-piena għandha tkun eqreb il-massimu milli l-minimu.

Ngħaddu issa biex inqisu l-fatturi msemmija mid-difiża.

Igħin lill-ħati l-fatt illi ammetta l-ħtija tiegħu. Għalkemm ma għandux ikun penalizzat min jinqeda bil-jedd tiegħu illi jikkontesta l-akkużi miġjuba kontrieh, madankollu l-fatt illi akkużat jammetti l-ħtija huwa ġà sinjal illi għaraf il-ħażin li għamel u sogħob bih ta' dak li għamel. Dan huwa msaħħaħ mill-istqarrija li għamel minnufih wara li ammetta l-ħtija. Għalhekk din il-qorti sejra toqgħod fuq il-preċedent imwaqqaf bis-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-24 ta' Frar 1997 fl-ismijiet Repubblika ta' Malta *versus* Nicholas Azzopardi.

Id-difiża straħet ħafna fuq is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 t'Ottubru 2003. Tassew illi l-Qorti Kostituzzjonali kienet sabet ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-ħati. Madankollu, din il-qorti tifhem ukoll illi dak il-ksur aktar kellu relevanza għal dak il-waqt fl-*iter* proċedurali meta min għandu jiddeċiedi fuq il-fatti kellu jiddeċiedi fuq il-ħtija, u mhux għall-waqt li qegħdin fih issa meta għandha tittieħed deċiżjoni fuq il-piena.

Din il-qorti ma tarax illi dak il-ksur ta' jeddijiet fondamentali għandu jitqies parti mill-piena, bħalikieku ksur ta' jedd fondamentali huwa xi piena leġittima. Għalhekk ma taqbilx illi dak il-ksur huwa, fi kliem l-art. 449(4) tal-Kodiċi Kriminali, xi "punt ta' fatt illi, mingħajr ma jneħħi l-imputabbiltà ta' l-akkużat jew il-kapaċità tiegħu li joqgħod fil-kawża, ikun tali li minħabba fih l-akkużat m'għandux ikun suġġett għal piena".

Din il-qorti hija sensittiva ħafna għall-appell li sarilha li ma għandhiex tagħmel il-parti ta' Pilatu, u tagħti piena biex togħġob lin-nies flok biex tagħmel ġustizzja. Tagħraf illi tassew ingħatat pubbliċità negattiva lil dan il-każ fil-*media*, l-aktar f'dawk il-mezzi li forsi mingħajr sens ta' responsabbiltà biżżejjed u mhux dejjem informati sew jaraw aktar dak li hu sensazzjonali milli dak li huwa ta' l-essenza. Madankollu, dik il-pubbliċità ma tisax titqies parti mill-piena, bħallikieku l-piena tingħata mill-folla jew mill-mezzi tax-xandir u mhux minn qorti skond il-liġi. Lanqas ma jista' jingħad illi t-tensjoni matul iż-żmien li ħadu l-proċeduri sakemm waslu sallum tista' tieħu l-post tal-piena. Dak iż-żmien kien meħtieġ ukoll sabiex ikunu determinati kwistjonijiet, fosthom ukoll kwistjonijiet kostituzzjonali, li qanqal il-ħati stess kif kellu kull jedd li jagħmel.

Fatturi oħra, bħal ma huma l-ħtieġa ta' kura medika u s-sigurtà personali tal-ħati, huma fatturi relevanti għall-modalità tal-piena u dwarhom il-qorti sejra tipprovdi aktar 'il quddiem.

Il-qorti tagħraf illi wieħed mill-għanijiet ewlenija tal-piena huwa r-riforma tal-ħati. Temmen illi dan l-għan ġà ntlaħaq għax temmen illi l-ħati sogħob bih tassew għal dak li għamel u mhux sejjer, fil-ħajja tiegħu ta' ċittadin privat, jerġa' jikser il-liġi penali. Dan huwa fattur relevanti ħafna għall-għanijiet tal-piena.

Wara li qieset dawn il-fatturi kollha il-qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hija xierqa piena ta' priġunerija effettiva għaż-żmien ta' sentejn, u ma hux il-każ illi tingħata sentenza sospiża. Temmen ukoll illi din il-piena tkun ta' ġid għall-istess ħati għax tgħinu jħoss illi, wara li jiskontaha, ikun ħallas id-dejn li għandu lejn is-soċjetà, li wera li bħalissa jħoss sew it-toqol tiegħu, u hekk ikun feda lilu nnifsu fejn tassew jiswa, f'għajnejh stess aktar milli f'għajnejn in-nies.

Dwar jekk għandux jitnaqqas iż-żmien li l-ħati dam taħt arrest domiċiljari, il-qorti rat illi l-art. 22 tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi għandu jitqies parti miż-żmien ta' priġunerija kull żmien li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs. Ladarba l-ħati ma nżammx il-ħabs iżda fid-dar tiegħu, dak iż-żmien ma jistax jitqies għall-għanijiet ta' l-art. 22.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li rat l-artt. 115(*b*) u (*ċ*), 121A(2), 141, 133 u 17(*b*) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati Dottor Patrick Vella għall-piena ta' sentejn priġunerija, b'dan illi l-awtoritajiet tal-faċilità korrettiva għandhom jaraw illi jingħata kull kura medika jew psikjatrika meħtieġa u illi jkun imħares minn kuntatt ma' min ikun qiegħed igħaddi minn piena li għaliha kien ikkundannah hu stess, u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u permessi mil-liġi biex titħares l-inkolumità tiegħu.

Wara li rat ukoll l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes li servew għall-korruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------